# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2025

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 677/2025 ISB** fl-ismijiet :

**Prof. Hatem Mostafa Mostafa Elgabaly (Detentur tal-Passaport Egizzjan bin-numru A40756607 qua Azzjonist u Direttur tas-soċjeta' intimata (Ordinary Class B Shareholder and Director) Ray-Lab Ltd (C91950) kif rappreżentat lokalment mill-mandatarju speċjali l-Avv. John Bugeja (Karta tal-Identita' bin-numru 452783M)**

**Vs**

**(1) Ray-Lab Ltd (C91950)**

**(2) MC III SCAN 1 Ltd (C91946) qua Class A Shareholder tas-soċjeta' Ray-Lab Ltd**

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-28 ta' April 2025 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, qed titlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat milli :

***(i)*** ***Jiddezistu milli jżommu kwalsiasi laqgħa tad-diretteri u/jew laqgħa tal-azzjonisti sakemm ir-rikorrenti jingħata aċċess sħiħ u komplut ta' kwalsiasi minuti tal-laqgħat u/jew dokumenti u/jew informazzjoni u/jew rapporti finanzjarji tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) u soċjetajiet sussidjarji tagħha kif rikjest mill-Artikolu 149 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***(ii)*** ***Jiddezistu milli jkomplu jostakolaw u jirrifjutaw l-attendenza tar-rikorrent minn kwalsiasi laqgħa tad-diretteri u/jew laqgħa tal-azzjonisti bi ksur tal-Klawsola 49 et seq. Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950);***

***(iii)*** ***Jieqfu milli jagħmlu pressjoni nġusta u passi intiżi sabiex jeskludu lir-rikorrent milli jkompli jservi u jżomm il-posizzjoni tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) kif debitament appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders.***

***(iv)*** ***Jieqfu milli jieħdu kwalunkwe passi intiżi sabiex jitneħħa r-rikorrent milli karigu tiegħu b'mod inġust u arbitru bħala direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) kif debitament appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders;***

***(v)*** ***Jiddezistu mill-aġir oppressiv, intimidanti, nġust, diskriminatorju kontra u b'mod mhux ġust ta' preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent qua azzjonist u direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) kif debitament appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders.***

U dan wara li r-rikorrent ppremetta s-segwenti:

*Bażi Fattwali*

*1. Illi in linea preliminari, r-rikorrent huwa fundatur, azzjonist kif ukoll direttur appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) u ilu jokkupa din il-kariga mill-inkorporazzjoni tagħha fis-sena elfejn u dsatax (2019) kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association u minn estratt meħud mis-sit tal-Malta Business Registry Portal annessi u mmarkati bħala "Dok. A" u "Dok. B" rispettivament;*

2. *Illi s-soċjeta' MC III Scan 1 Ltd (C91946) hija azzjonista tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) kwalifikata bħala Ordinary Class A Shareholder u għaldaqstant appuntat ħames (5) diretturi kwalifikata bħala Ordinary Class A Directors kif ukoll jirriżulta' mid-dokumenti surreferiti;*

3. *Illi minn Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024), ir-rikorrenti kien qiegħed jiġi eskluż u mċaħħad milli jipparteċipa f'diversi laqgħat tal-Bord u kwalunkwe laqgħat oħra mingħajr ebda raġuni ġustifikabbli fil-Liġi, u dan minkejja lir-rikorrent huwa azzjonist u kwalifikat bħala l-uniku Ordinary Class B Director kif debitament appuntat mill-azzjonisti kwalifikati bħala Ordinary Class A Shareholders;*

4. *Illi inoltre, ir-rikorrenti ġie ukoll prekluż u mċaħħad aċċess sħiħ u komplut ta' kwalsiasi minuti tal-laqgħat u/jew dokumenti u/jew informazzjoni u/jew rapporti finanzjarji tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) u soċjetajiet sussidjarji tagħha bi ksur tal-Artikolu 149 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 1623/25, din baqgħet inadempjenti (kopja tal-ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala "Dok. Ċ");*

5. *Illi dan l-aġir oppressiv, intimidanti, inġust, diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent qua azzjonist u direttur qiegħed joħloq preġudizzju serju, mhux biss għall-interessi tiegħu, iżda wkoll għall-azzjonisti l-oħra kollha kwalifikati bħala Ordinary Class B Shareholders!*

6. *Illi dan l-aġir intimidanti u abbusiv fil-konfront tar-rikorrenti jissokta meta r-rikorrent irċieva ittra nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2025 fejn permezz tagħha intalbet ir-riżenja mmedjata sa mhux aktar tard mit-tletin (30) t'April 2025 u għaldaqstant, f'dan l-istadju, ir-rikorrenti ma' kellu ebda oħra għajr li jirrikorri għal dan il-mandat sabiex jiġi evitat aktar preġudizzju u abbuż fil-konfront tiegħu (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala "Dok. D");*

7. *Illi r-rikorrent huwa preokkupat lill-jeddijiet tiegħu se jisfaw preġudikati b'mod gravi jekk l-aġir da parte s-soċjeta' intimata jippersisti;*

8. *Għalhekk qiegħed isir dan il-mandat sabiex ir-rikorrent jikkawtela id-drittijiet tiegħu sakemm jiġu intavolati proċeduri ulterjuri spettanti lilu fil-liġi.*

9. *Illi in vista tal-fatt li mill-informazzjoni li ġiet a konjizzjoni tar-rikorrent, il-lagħqa tal-Board tad-Diretturi hija skedata għal għada d-disgħa u għoxrin (29) t'April tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dan il-mandat jiġi milqugħ anke provvizorjament.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-28 ta' April 2025, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi żmien prefiss biex iwiegeb u fejn appuntat ir-rikors għas-smigħ ghall-udjenza tat-12 ta' Mejju 2025.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposta** tal-intimati ppreżentata fis-7 ta' Mejju 2025, li tgħid hekk:

***<u>Sfond Fattwali</u>***

1. *Illi qabel ma jigu ssollevati d-diversi eċċezzjonijiet legali u fattwali f'din ir-risposta, l-intimati huma tal-fehma li jkun opportun li jipprovdu lil dina l-Onorabbli Qorti l-fatti kollha relevanti għal din il-vertenza, u dan stante li r-rikorrent Profs Hatem Mostafa Mostafa Elgabaly ("Rikorrent") kien wisq ekonomiku fil-mod kif pinga c-cirkostanzi li jirradikawha. Dina l-Onorabbli Qorti għandha jkollha stampa ċara u veritiera tal-fatti saljenti li wasslu ghad-divergenzi bejn il-kontendenti qabel ma tikkunsidra l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha;*

2. *Illi filwaqt li l-ewwel żewġ paragrafi tal-"bażi fattwali" mogħtija mir-Rikorrent huma eesenzjalment korretti; minn hemm 'il quddiem ir-Rikorrent ghazel li jipprovdi verżjoni tal-fatti limitata ghall-ahhar u naqas li jaghti mqarr lemha zghira lir-ragunijiet li wasslu ghall-aggravju principali tieghu - u cioe' li mhux qed jinghata access mill-bord tad-diretturi ta' Ray Lab Ltd ("Ray-Lab") ghal certa informazioni u intelligenza kummercjali sensittiva meta huwa ghadu jokkupa l-kariga ta' direttur tal-istess socjeta'.*

3. *Illi l-fatti, fis-succint, huma dawn:*

a. *Ir-Rikorrent (flimkien ma' membri ohra tal-familja tieghu) u l-intimata MC III Scan 1 Limited ("MC Scan") huma azzjonisti fis-socjeta' Ray Lab, socjeta' kostitwita Malta li topera fis-settur ta' radjologija, radjuterapija u "lab services" fl-Egittu u fl-Arabja Sawdita.*

b. *Ir-Rikorrent huwa ukoll direttur tas-socjeta' Ray Lab, nominat mill-azzjonisti tal-klassi "B" flimkien ma' diretturi ohra appuntati mill-azzjonisti tal-klassi A tal-istess socjeta'.*

c. *Ir-relazzjoni kuntrattwali tal-azzjonijisti fis-socjeta' Ray-Lab hija governata minn Shareholders Agreement datata t-12 ta' Novembru 2019 ("SHA", kopja ta' liema qed tigi annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bhala Dok A) kif ukoll mill-Istatut tal-istess socjeta', kopja tal-liema giet annessa mar-rikors promotur tar-rikorrent ("M&As").*

d. *Ir-Rikorrent ilu, sa mill-inqas is-sena 2024, jokkupa kariga ma' RadCare Company ("RadCare"), socjeta' kostitwit f' Arabja Sawdita li hija wkoll direttament involuta fis-servizzi tar-radjoloġija, ta' radjuterapija kif ukoll ta' "lab services" fl-istess stat u li ghalhekk topera f'kompetizzjoni diretta u in konflitt man-negozju tas-soċjeta Ray-Labesegwit tramite sussidjarja tagħha fl-istess ġurisdizzjoni. Minkejja l-esistenza ta' provi konkreti u indubbitabbli tal-involviment tieghu bhala ufficjali tas-socjeta RadCare, ir-Rikorrent innega dana l-involviment u stqarr li huwa kien biss qed jagixxi bhala konsulent ta' din is-socjeta' u dan ghal zmien temporanju. Kif ser jigi muri fil-paragrafi sussegwenti, il-fatti dokumentati pero' esplicitament juru mod iehor.*

e. *L-SHA tas-socjeta' Ray-Lab, fil-klawsola 12(a), jipprojbixxi lir-Rikorrent (definit bhala wiehed mill-"Founders" tal-istess socjeta') milli jikkompeti direttament jew indirettament man-negozju tas-socjeta' fis-settur tar-radjologija, tar-radiotherapija u/jew tas-servizzi laboratorju fl-Egittu, il-Gordan jew fl-Arabja Sawdita fiz-zmien meta huwa jkun ghadu azzjonist tas-socjeta' u ghal zmien sentejn minn meta jieqaf li jkun azzjonist. Il-klawsola 12(a) tghid hekk:*

*(a) Save for the Existing Business, the Founders and/or their Affiliates shall not, during the period in which they directly or indirectly hold Shares and for a period of two years as of the date they cease to hold Shares, without the prior written consent of the Investor, either alone or jointly with (through which includes by ownership of any equity direct or indirect control or on behalf of), <u>whether as director</u>, (my emphasis) partner, consultant, manager, employee, agent or otherwise any person, directly or indirectly:*

*(i) engage (in any manner whether directly or indirectly) in any radiology, radiotherapy and/or lab services business competing with the Company in the Arab Republic of Egypt, Jordan and/or Saudi Arabia;*

*(ii) (x) procure orders for, (y) do business with, or (z) cause directly or indirectly any other person to procure orders from or do business with, in connection with any private business competing with the Business in the Arab Republic of Egypt, Jordan and/or Saudi Arabia, except for any advisory or consultancy role that Professor Hatem El Gabaly holds or may hold for the benefit of the Egyptian government or international organisations, provided that such services are rendered free of charge and on an ad-hoc basis*

f. *Il-kliem "Existing Business", hekk kif uzati fil-klawsola fuq citata, jirreferu specifikatment ghal diversi karigi u involvimenti li kellu r-Rikorrent fis-sena 2019, li huma eskluzi mill-projbizzjonijiet stipulati fl-istess klawsola u li huma elenkati fix-Schedule 4 tal-SHA. RadCare mhix wahda minn negozji elenkati fil-lista ta' negozji ezistenti.*

g. *L-M&As tas-socjeta' Ray-Lab ma' jikkontemplaw l-ebda projbizzonijiet specifici bhal dawk provveduti fil-klawsola 12(a) tal-SHA. Ghalkemm dan in-nuqqas ma jikkostitwixi kunflitt bejn l-artikoli tal-M&A u l-klawsoli tal-SHA, klawzola 19 tal-SHA jghid car li f'kaz ta' kunflitt, id-dispozizzjonijiet tal-SHA ghandhom jipprevalixxu.*

h. *Meta l-ewwel semghu u saru jafu bil-kunflitt ta' interess tar-Rikorrent fil-bidu tas-sena 2024, il-membri tal-Bord tad-diretturi tas-socjeta' Ray Lab affrontawh b' dan il-fatt kif kellhom kull dmir jaghmlu fl-interess tas-socjeta' li jrrappresentaw. Dan, in vista tar-riskju manifest ta' hsara rrimedjabblu li dan il-kunflitt pprezenta (u ghadu jipprezenta) lin-negozju tas-socjeta' Ray-Lab kemm il-darba l-informazzjoni kummercjali kunfidenzjali taghha kellha, intenzjonalment jew bi zball, tasal f' widnejn is-socjeta' kompetitrici taghha fl-Arabja Sawdita. Ta' min jemfazizza li ma kienx ir-Rikorrent li voluntarjament zvela l-involviment tieghu mas-socjeta RadCare lill-bord ta' Ray-Lab kif kellu d-dmir li jaghmel, izda kienu l-membri tal-istess bord li skoprewh.*

i. *Illi fid-19 ta' April 2024, fuq l-initzjattiva tal-intimati, saret laqgha (mghajta bhala Dispute Meeting a tenur tal-klawsola 29.2 tal-SHA) ma' rappresentanti tas-socjeta' Ray-Lab gewwa Dubai, UAE sabiex tiġi diskussa l-pożizzjoni prekarja tiegħu. Din il-laqgha wasslet sabiex fis-7 ta' Ġunju 2024, ir-Rikorrent <u>espressament u bil-miktub</u> accetta li, sakemm ikompli fil-kariga tiegħu mas-soċjeta' RadCare u jispjega lill-bord ir-rwol preciz tieghu maghha, hu kien ser jastjeni milli jipparteċipa fi kwalunkwe deċiżjonijiet kummercjali relatati ma' kull investment magħmul mill-intimata Ray-Lab fl-Arabja Sawdita u milli jitlob li jirċievi dettalji dwar informazzjoni finanzjarja assoċjata mal-istess. Kopja tal-ittra tar-Rikorrent*

*lis-socjeta' Ray-Lab f' dan ir-rigward tinsab annessa ma' din ir-risposta u mmarkata Dok B;*

j. *Sussegwentement, u kif sahansitra ukoll gie miftiehem mar-Rikorrent fil-laqgha tal-partijiet f' Dubai, gew ifformulati "rules of engagement" li jirregolaw, inter alia, kunflitti ta' interess ta' uffiċjali tal-kumpannija. Dawn ntbagħtu lir-Rikorrent f' Settembru tas-sena 2024 u sussegwentement lill-membri tal-Bord kollha (inkluz ghalkekk ir-Rikorrent) u key persons ohra tas-socjeta' Ray-Lab f' forma ta' Kodiċi ta' Kondotta fit-8 ta' Ottubru 2024. Il-Kodiċi ta' Kondotta ġie approvat u ffirmat mill-uffiċjali kollha tal-istess socjeta' minbarra r-Rikorrent. Dan, mingħajr ebda raġuni ġustifikabbli u minkejja li r-Rikorrent ġie mfakkar sabiex jadderixxi mad-decizjoni tal-bord f'diversi okkażżjonijiet;*

k. *Illi r-rifjut tar-Rikorrent li jirrikonoxxi l-kunflitt ta' interess tiegħu u li jieħu miżuri effettivi sabiex jiżgura li l-interessi tas-soċjeta' Ray-Lab jiġu ssalvagwardati kontra t-tixrid potenzjali u l-użu ħażin jew traskurat ta' informazzjoni sensittiva finanzjarja appartenenti lill-istess socjeta', lill-kumpannija kompetitrici fl-Arabja Sawdita, jikkostitwixxi ksur materjali mhux biss tal-projbizzjonijiet kontra kompetizzjoni ngusta stipulati fil-klawsola 12(a) tal-SHA izda anke tad-doveri tar-Rikorrent imposti fuq diretturi ta' kumpaniji mill-Artikoli 136A (1) & (2) u 143 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

l. *Illi minkejja li r-Rikorrent ġie mwissi b'dan kollu u ntalab jirregola ruhhu kemm il-darba, xorta deherlu li għandu jibqa' jagħmel ta' rasu. Minflok ma pprova jirrimedja u jsib soluzzjoni ghall-problema li gab b'idejh u impona fuq il-bord tad-diretturi ta' Ray-Lab u fuq l-istess kumpanija (b'disprezz lejn l-obbligi fiducjarji tieghu uberima fides), ir-Rikorrent qed jipprova jinqeda mir-rimedju eċċezzjonali ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex effettivament jzomm lill-intimati milli jezercitaw id-dritt u d-dmir taghhom li jirrejagixxu ghall-kondotta zbaljata tieghu u jikkawtelaw l-interessi kummercjali tas-socjeta' Ray-Lab.*

m. *Illi ghalkemm ir-Rikorrent heba l-involviment diretta rejali tieghu mas-socjeta RadCare lill-bord tad-diretturi ta' Ray-Lab u ttenta jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu billi allega li l-kariga tieghu kienet u ghadha biss wahda temporanja ta' konsultent (kariga li ukoll tikkonfliggi mad-dispozizzjonijiet tal-klawsola 12(a)), il-fatti kontrastanti juru mod iehor:*

*(i)* *Il-sit tal-internet tas-socjeta' RadCard, fil-pagna 2/5, ssemmi lir-Rikorrent bhala il-Managing Director taghha (kopja ta' download li sar fil-5 ta' Mejju*

*2025 tal-pagni relevanti ta' dan is-sit qed tigi annessa ma' din ir-risporta u mmarkata bhala Dok C");*

*(ii) Il-pagna fuq il-sit tal-LinkedIn tas-socjeta RadCare, fil-pagna 3, tirreferi ghar-Rikorrent bhala "Deputy Chairman RadCare Company, Saudi Arabia" (kopja ta' download li sar fis-7 ta' Mejju 2025 tal-pagni relevanti ta' dan is-sit qed tigi annessa ma' din ir-risporta u mmarkata bhala Dok D"*

*(iii) Permezz ta' email mibghuta mill-mobile phone tieghu lil Rebecca Cocks (is-segretarja tas-socjetajiet intimati) fit-28 ta' April 2025, ir-Rikorrent bi zvista bghatt l-email bil-firma "Prof Hatem Elgabaly – RadCare Board Member", ammissjoni indisputabbli tal-kariga li r-Rikorrent kellu u ghad ghandu mal-istess socjeta' kompetitrici tas-socjeta' Ray-Lab li taghha ir-Rikorrent ghadu direttur (kopja tal-email mibghuta mir-Rikorrent qed tigi annessa ma' din ir-risporta u mmarkata bhala Dok E").*

4. *Inoltre, mhuwiex minnu li r-Rikorrent qed jigi prekluz milli jattendi għall-laqgħat tas-soċjeta' Ray-Lab jew li mhux qed jinghata kopji tal-minuti tal-istess laqghat u/jew access għad-dokumentazzjoni diskussa waqt dawn il-laqgħat - apparti ghal dawk id-dokumenti li fis-7 ta' Gunju 2024 r-Rikorrent stess accetta bil-miktub li m' ghandux jinghata access ghalihom. Ir-Rikorrent jaf (ghax accetthom) li gia' rcieva stediniet digitali ghall-laqghat tal-bord ghal din is-sena korrenti u dawn qeghdin fil-kalendarju tieghu.*

5. *Illi huwa ukoll inveritier li jingħad li l-intimati u/jew azzjonisti jew uffiċjali tagħhom aġixxew b'mod oppressiv jew inġust fil-konfront tar-Rikorrent. Id-decizjonijiet kollha tal-bord tad-diretturi tal-intimata Ray-Lab ttieħdu trasparentement fid-dawl tal-ksur lampanti da parti tar-Rikorrent tad-doveri kuntrattwali u statutori tieghu, frott tal-ghazla li ghamel li jkompli jokkupa kariga importanti fis-socjeta' RadCare meta kien u ghadu konxju tal-konflitt ta' interess li dina l-ghazla tohloq.*

6. *Illi fit-8 ta' April 2025 ir-Rikorrent ipprezenta ittra ufficiali fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti kontra s-socjeta' Ray Lab li permezz taghha interpella lill-istess socjeta' sabiex tieqqa tipprekludi l-attendenza tieghu mill-laqghat tal-bord tad-diretturi taghha u sabiex tforni u tipprovdi access shih u komplut ta' kwalsiasi minuti tal-laqghat u/jew dokumenti u/jew informazzjoni u/jew rapporti finanzjarji tas-socjeta interpellata. Kopja ta' dina l-ittra gudizzjarji giet annessa mar-rikors promotur tar-Rikorrent.*

7. *Illi s-socjeta intimata rrispondiet ghal dina l-ittra ufficjali permezz ta' risposta pprezentata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' April 2025 (kopja ta' liema ittra qed tigi annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bhala Dok F).*

8. *Illi permezz ta' ittra datata l-25 ta' April 2025, ic-Chairman tas-socjeta' intimata Ray Lab talab lir-Rikorrent jirrizenja mill-kariga tieghu ta' direttur*

*tal-istess socjeta' in vista tal-kunflitt ta' interess dirett tieghu u tar-rifjut tieghu li jaderixxi mal-Code of Conduct approvat mill-bord tal-kumpanija u infurmah li, fin-nuqqas li jaghmel kif mitlub, il-Bord kien ser jirreferi l-kwistjoni lill-azzjonisti tas-socjeta' ghall-konsiderazzjoni u ghad-decizjoni taghhom ai termini tal-Artikolu 140(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***<u>Eċċezzjonijiet Legali</u>***

*L-intimati jirrespingu t-talbiet rikorrenti bhala legalment insostenibbli ghar-ragunijiet li gejjin:*

9. *Illi fl-ewwel lok, l-intempestivita' tat-talbiet rikorrenti stante li, a tenut tal-klawsola 29.2 tal-SHA, f'kaz ta' tilwima bejn il-kontendenti taht l-istess ftehim, inkluz tilwim li jirrelata ghall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, rappresentanti tal-partijiet huma obbligati li, fi zmien hmistax il-jum kalendarju min-notifika ta' avviz bil-miktub minn parti wahda lill-parti l-ohra, jzommu laqgha (Dispute Meeting) sabiex jipprovaw jirrizolvu d-differenzi bejniethom (vide klawsola 29.2 tal-SHA). Ir-Rikorrent naqas li jsegwi din il-procedura kuntrattwali mandatarja.*

10. *Illi fit-tienu lok, ir-rimedju straordinarju ta' mandat ta' inibizzjoni mhux intiz sabiex jindirizza domandi nebulizu, bhala m'huma dawk kontenuti fit-talbiet (ii), (iii) (iv) u (iv) li ma jistghux jigi konkretament ezegwiti u oggettivament ssindankati.*

11. *is-socjetajiet intimati jirribattu bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet tar-Rikorrent, speċjalment, iżda mhux limitatament, dawk fis-sens li f'xi mod l-intimati qegħdin jaġixxu f'mod oppressiv, intimidanti, diskriminatorju jew inġust mar-rikorrent stante li l-azzjonijiet kollha mehuda mill-intimati sallum ttieħdu fl-interess tal-kumpanija Ray Lab fid-dawl tal-ksur manifest ta' parti tar-Rikorrent tal-obbigi kuntrattwali u legali tieghu li ma jikkompetix mas-socjeta Ray Lab billi jokkupa karigi f'soċjetajiet oħra li huma f'kompetizzjoni diretta mall-attivitajiet tal-istess soċjeta' intimata. Is-socjeta' intimata Ray Lab tista ssofri pregudizzju car u rrimedjabbli ghall-attivitajiet kummercjali taghha jekk il-bord tad-diretturi taghha ma haditx il-muzuri necessari biex zzomm lir-Rikorrent milli jaccedi ghal certa informazzjoni kummercjali sensitiva, sahansita bil-barka bil-miktub tieghu stess.*

12. *Illi fit-tielet lok, u in kwantu ghat-talbiet numri (i) u (ii) tar-rikors promotur, ir-Rikorrent m' ghandu l-ebda dritt li necessarjament ghandu jigi prezervat b'ordni li s-socjeta' intimata Ray-Lab ma' zzommx laqghat sakemm ma jinghatax access shih u komplut tal-minuti tal-laqghat u/jew dokumenti u jew/informazzjoni u jew/rapporti finanzjarji taghha u tas-socjetajiet sussidjarji taghha, meta huwa stess accetta bil-miktub li m' ghandux*

*jattendi ghal laqghat u jkollu access ghall-informazzjoni kummercjali rigwardanti n-negozju tas-socjeta' in kompetizzjoni mal-attivitajiet ta' RadCare.*

13. *Fir-raba lok, u in kwanti ghat-talbiet numri (iii) u (iv) (li jidher li jidduplikaw l-istess hsieb), dawn huma legalment insostenibbli stante li r-Rikorrent m' ghandu l-ebda dritt li necessarjament ghandu jigi prezervat li jibqa jzomm il-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta' Ray-Lab jekk l-azzjonijisti tas-socjeta', fil-maggjoranza taghhom, jaghzlu li jitterminawlu l-kariga. L-artikolu 140 tal-Kap 386 tal-liġijiet ta' Malta jipprovi espressament li:*

    *"(1) Kumpanija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhomil-jedd li jattendu għaliha u jivvutaw, li flimkien ikollhomazzjonijiet li jagħtu l-jedd lid-detentur jew detenturi tagħhom għaliktar minn ħamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot marbuta mal-azzjonijiet rappreżentati u li jagħtu l-jedd għal vot fil-laqgħa.*

    *(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur.*

    *Għaldaqstant xejn ma jista' jżomm lis-socjetajiet intimati milli jipprocedu legittimament ghat-tnehhija mill-kariga tieghu ta' direttur tas-socjeta' Ray Lab wara li tissejjah laqgha straordinarja a tenur tal-Artiklu 140(1) fuq citat. Ir-Rikorrent m'għandu ebda dritt "prima facie" x'jikkawtela f' dan ir-rigward u kwalsiasi ordni li twaqqaf kumpanija milli tapplika r-regoli mandatorji li jaghtu lill-maggjoranza tal-azzjonijisti l-ghazla diskrezzjonali li jivvotaw favur jew kontra t-terminazzjoni ta' direttur mill-kariga tieghu wara li jinstema fil-laqgha straordinarja msejha ghall-iskop, tkun qed tistultifika r-ratio legis tal-artikolu 140(1).*

14. *Illi fi**l-hames** lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u kwalsiasi eċċezzjoni u jew argument miġjub f'din ir-risposta, ir-Rikorrent ma ġab ebda straċċ ta' argument jew wisq anqas prova, ta' kif, jekk dan il-mandat ma jintlaqax, hu ser isoffri preġudizzju rremedjabbli. Kif ġie stabbilit mill-qrati tagħna fid-decizjoni Duncan Robinson v. Teewinot Marine Malta Limited (C80077) (Prim'Awla tal-Qorti Civili) dwar il-ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni:*

    *"Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi minnu, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.1 It-tieni kriterju*

*hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet.2 Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti f'dan l-istadju dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd".*

*Kif degretat ukoll minn din l-Onorabbli Qorti fil-mandat ta' Inibizzjoni numru 285/2024AB fl-ismijiet JK Properties Limited (C-25967) et vs. Steve Schembri (KI 119279M) et (14/3/2024):*

*Il-ħruġ ta' dan il-mandat isir biss fejn ir-rikorrent juri:*

*(a) li jkun hemm il-ħtieġa tiegħu, in kwantu n-nuqqas ta' tqegħid fis-seħħ ta' dik il-miżura inibittiva mitluba minnu jew id-dewmien fil-ħruġ tagħha, jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet reklamati mir-rikorrent. Il-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat timplika li l-preġudizzju soffert mir-rikorrent f'każ li l-mandat ma jinħariġx ikun reali. B'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat. Il-ħtieġa li jinħareġ dan il-mandat biex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent hija bażata fuq il-periculum in mora;*

*(b) li dak il-jedd pretiż mir-rikorrent ikun - oġġettivament u fil-każ konkret - mal-ewwel daqqa t'għajn, verament jeżisti favur tiegħu. F'termini ġuridiċi, ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u dritt reklamati minnu sal-grad prima faciae. Allura f'dan is-sens ir-rikorrent għandu juri l-fumus boni iuris.*

*Isegwi allura, li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u l-istħarriġ li jrid isir mill-Onorabbli Qorti f'talba bhal din huwa jekk mingħajr il-ħruġ tal-mandat, it-tneħħija tal-jedd jikkawżax xi preġudizzju irrimedjabbli li ma jistax jiġi ssanat; fil-fatt, fil-każ odjern, minbarra l-fatt li l-allegazzjonijiet tar-Rikorrent huma fis-sustanza taghhom inveritieri, fi kwalunkwe każ iġġarrab ferm aktar preġudizzju s-soċjeta Ray-lab u l-azzjonisti tagħha jekk jintlaqa' dan il-mandat u ma jitħallewx joperaw fl-interess legali u kummercjali taghhom, milli jġarrab ir-Rikorrent jekk ma jintlaqax dan il-mandat;*

*15. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-intimati jissottmettu bir-rispett li ma jeżistux l-elementi neċessarji sabiex dan il-mandat jintlaqa'.*

*Għaldaqstant u a bazi tas-suespost, is-soċjetajiet intimati jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tat-28 ta' April fejn laqgħat dan il-mandat temporanjament;*
*(ii) tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.*

*Bl-ispejjez tal-istanza kontra r-Rikorrent.*

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

In suċċint u a skans ta' ripetizzjoni għar-rikors illi ġja ġie riprodott f'dan id-digriet, ir-rikorrenti qed jittenta din il-proċedura straordinarja sabiex iżomm lill-intimati milli:

- jżommu kwalsiasi laqgħa tad-diretteri u/jew laqgħa tal-azzjonisti sakemm ir-rikorrenti jingħata aċċess sħiħ u komplut ta' kwalsiasi minuti tal-laqgħat u/jew dokumenti u/jew informazzjoni u/jew rapporti finanzjarji tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) u soċjetajiet sussidjarji tagħha;
- jkomplu jostakolaw u jirrifjutaw l-attendenza tar-rikorrent minn kwalsiasi laqgħa tad-diretteri u/jew laqgħa tal-azzjonisti;
- jagħmlu pressjoni nġusta u passi intiżi sabiex jeskludu lir-rikorrent milli jkompli jservi u jżomm il-posizzjoni tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd kif debitament appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders;
- jieħdu kwalunkwe passi intiżi sabiex jitneħħa r-rikorrent milli karigu tiegħu b'mod inġust u arbitru bħala direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950);

- jkomplu bl-aġir oppressiv, intimidanti, nġust, diskriminatorju, kontra u b'mod mhux ġust ta' preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent qua azzjonist u direttur tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd.

Ir-rikorrenti ressaq din il-proċedura u għamel dawn it-talbiet peress illi jikkontendi illi huwa fundatur, azzjonist kif ukoll direttur appuntat mill-Ordinary Class B Shareholders tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd u ilu jokkupa din il-kariga mill-inkorporazzjoni tagħha fis-sena elfejn u dsatax. Isostni illi s-soċjeta' intimata l-oħra, MC III Scan 1 Ltd (C91946) hija azzjonista tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) kwalifikata bħala Ordinary Class A Shareholder u għaldaqstant appuntat ħames (5) diretturi kwalifikata bħala Ordinary Class A Directors.

Jgħid illi minn Jannar tas-sena l-oħra huwa beda jiġi eskluż u mċaħħad milli jipparteċipa f'diversi laqgħat tal-Bord u kwalunkwe laqgħat oħra mingħajr ebda raġuni ġustifikabbli fil-liġi. Ulterjorment isostni illi ġie ukoll prekluż u mċaħħad aċċess sħiħ u komplut ta' kwalsiasi minuti tal-laqgħat u/jew dokumenti u/jew informazzjoni u/jew rapporti finanzjarji tas-soċjeta' intimata Ray-Lab Ltd (C91950) u soċjetajiet sussidjarji tagħha. Isostni illi dan huwa aġir oppressiv, intimidanti, inġust, diskriminatorju fil-konfront tiegħu qua azzjonist u direttur u qiegħed joħloq preġudizzju serju, mhux biss għall-interessi tiegħu, iżda wkoll għall-azzjonisti l-oħra kollha.

Iżid isostni r-rikorrenti illi dan l-aġir intimidanti u abbużiv fil-konfront tiegħu jissokta meta r-rikorrent irċieva ittra nhar il-25 ta' April 2025, fejn intalbet ir-riżenja mmedjata tiegħu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi a skans ta' ripetizzjoni, peress illi r-risposta tal-intimati ġiet hawn fuq riprodotta, qed jingħad biss illi l-intimati qed jopponu għat-talba mressqa għal diversi raġunijiet minnhom hemmhekk mogħtija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12**, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u
2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[1] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħrug tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi magħmula ċara l-parametri li fihom din il-Qorti trid tiddeċiedi dwar din it-talba, il-Qorti sejra qabel xejn tirreferi għall-fatt illi fuq domanda tal-Qorti stess waqt l-udjenza, id-difensuri tar-rikorrenti stqarrew illi l-azzjoni li r-rikorrenti beħsiebu jressaq quddiem din il-Qorti hija dik komtemplata bl-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, anke mill-mod kif żvolġiet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tar-rikorrenti <u>imma ukoll</u> mid-diċitura użata fir-rikors, kemm fil-premessi u kif ukoll fit-talbiet, huwa ferm evidenti illi l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti jinkwadraw fit-termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386.

Dan qed jingħad fil-kuntest ta' dak li huwa ben magħruf, ossia, illi l-Artikolu 402 mhux biss jagħti poteri wiesa' lil din il-Qorti f'kaz illi ssib illi jissussistu l-elementi tiegħu, imma ukoll illi l-poteri huma tant wiesa' illi partikolarment il-każistika żvolġiet tali illi anke rimedji *interim* jistgħu jingħataw.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta meta fl-4 ta' Marzu 2025 iddeċidiet ir-rikors għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 196/2025/1AD fl-ismijiet **Avukat Joseph Mizzi noe vs MB Shipping Limited (C 40945) et** meta ntqal hekk:

> *B. It-Tieni Rekwiżit: Il-Ħtieġa tal-Mandat*
>
> *Huwa hawnhekk illi t-talba tar-rikorrenti, fil-fehma tal-Qorti, tfalli.*
>
> *Il-Qorti rat illi, hekk kif tajjeb jgħidu l-intimati fir-risposti rispettivi tagħhom, ir-rikorrenti għandhom diversi mezzi ordinarji illi bihom jistgħu jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom, fosthom permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tagħtihom il-possibilta' illi jitolbu lil din il-qorti tagħti ordnijiet sabiex, inter alia, tirregola t-tmexxija tal-affarijiet fil-kumpanija fil-futur u/jew tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost. Dan mingħajr il-ħtieġa ta' mandat bħal dak illi qed jintalab fil-proċeduri odjerni;*
>
> *Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tieni rekwiżit mhuwiex sodisfatt fil-każ odjern.*

Din il-Qorti ma għandhiex wisq xi żżid ma' dan, għajr li tagħmlu tagħha. Tqis illi b'azzjoni ai termini ta' l-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li r-rikorrent fil-fatt beħsiebu illi jieħu, mhux neċessarju illi tittieħed din il-proċedura straordinarja u eċċezzjonali, partikolarment u almenu fl-isfond tal-fatti illi jirriżultaw f'dan il-każ.

Il-Qorti tqis għalhekk illi peress illi hemm rimedji oħra li r-rikorrent jista' jieħu (li hu jaf ben tajjeb bihom), ifisser illi huwa ma kellux għalfejn jirrikorri għal din il-miżura straordinarja u eċċezzjonali u allura wieħed mill-elementi neċessarji huwa nieqes u konsegwentament mhux neċessarju illi jkunu mistħarrġa l-elementi l-oħra.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi :

a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-28 ta' April 2025 sa fejn il-Mandat kien intlaqa' b'mod provviżorju, u

b) **tiċħad** it-talba għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni b'mod definittiv kif mitlub.

**Spejjeż** ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti.

**Mogħti *in camera* illum, l-Erbgħa 14 ta' Mejju, 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**